PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2008/2234(INI)

21.1.2009

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-problemi u l-prospetti rigward iċ-Ċittadinanza Ewropea
(2008/2234(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Lidia Joanna Geringer de Oedenberg

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Huwa tal-opinjoni li approċċ effettiv għal informazzjoni u komunikazzjoni huwa neċessarju sabiex titqajjem kuxjenza fost iċ-ċittadini Ewropej dwar id-drittijiet tagħhom u biex l-approċċ jgħinhom ikollhom irwol attiv fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet fl-Unjoni Ewropea, u b'hekk ikun possibbli eżerċizzju ġenwin ta' demokrazija parteċipatorja;

2. Jenfasizza li l-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew hija l-ogħla espressjoni tad-demokrazija parteċipatorja fuq livell Ewropew; jiġbed l-attenzjoni li t-turnout fl-elezzjonijiet Ewropej tal-2004 kien l-iktar baxx fl-istorja tal-Parlament Ewropew; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex tħeġġeġ liċ-ċittadini Ewropej, speċjalment dawk mill-Istati Membri l-ġodda, li jgħixu fi kwalunkwe Stat Membru li mhux tagħhom, biex jipparteċipaw fl-elezzjonijiet Ewropej, kemm bħala votanti u kemm bħala kandidati; jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva tal-Kummissjoni mmirata biex tnaqqas il-piżijiet elettorali minn fuq kandidati potenzjali u minn fuq l-Istati Membri;

3. Jappoġġja b'mod sħiħ l-istrateġija adottata mill-Kummissjoni bil-għan li ssolvi l-problemi relatati mal-aċċess għaċ-ċittadinanza Ewropea u japprova l-isforzi kollha li għamlet fil-promozzjoni tal-integrazzjoni; jittama, madanakollu, li din l-istrateġija jkollha riżultati tanġibbli fuq skala ikbar malajr kemm jista' jkun;

4. Jirrakkomanda li l-qasam Ewropew tal-ġustizzja jintemm sabiex ikun żgurat li l-aspetti transkonfinali ta' ċittadinanza relatati mal-ħajja personali u tal-familja jistgħu jkunu protetti b'mod effettiv mir-regoli komuni fil-qasam tal-liġi internazzjonali privata; għal dak il-għan, iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiżviluppa approċċ koerenti u biex tressaq il-proposti leġiżlattivi neċessarji;

5. Iqis li d-diskrepanza eżistenti bejn id-dispożizzjonijiet li jikkontrollaw l-aċċess għan-nazzjonalità fl-Istati Membri, fuq liema tiddependi ċ-ċittadinanza Ewropea, tista' tikkostitwixxi sors ta' diskrimazzjoni bejn ir-residenti li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi u dawk li ma għandhomx stat, skont l-Istat Membru ta' residenza tagħhom; mingħajr ħsara għal kompetenza tagħhom f'dan il-qasam, jinsab fiduċjuż li l-Istati Membri se jneħħu s-sorsi kollha ta' diskriminazzjoni potenzjali biex jiżguraw li tkun implimentata l-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni tal-KE;

6. 6. Ifakkar li l-qalba legali tad-drittijiet taċ-ċittadini Ewropej tinkludi wkoll id-dritt li wieħed jiċċaqlaq u jgħix fl-Unjoni Ewropea u li dak id-dritt ikun eżerċitat biss b'mod sħiħ jekk, fost miżuri oħra, tkun stabbilita sistema effettiva ta' rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali; għalhekk, iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, fil-kapaċitajiet rispettivi tagħhom, biex jippermettu iktar liċ-ċittadini Ewropej li jkunu kisbu kwalifiki professjonali f'wieħed mill-Istati Membri, biex jiksbu aċċess għall-istess professjoni fi Stati Membri oħra u biex jipprattikaw din il-professjoni bl-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż.

RIŻULTAT FINALI TAL-VOTAZZJONI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	20.1.2009
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 20 –: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Carlo Casini, Bert Doorn, Monica Frassoni, Giuseppe Gargani, Neena Gill, Klaus-Heiner Lehne, Katalin Lévai, Antonio López-Istúriz White, Manuel Medina Ortega, Hartmut Nassauer, Aloyzas Sakalas, Eva-Riitta Siitonen, Francesco Enrico Speroni, Diana Wallis, Rainer Wieland, Jaroslav Zvěřina, Tadeusz Zwiefka
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Eva Lichtenberger, József Szájer, Jacques Toubon